# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Hamis sittax (16) taʼ Gunju 2016**

**Rikors Numru 227/12 FDP**

**Natalino Fenech**
**(ID 2063M)**

**vs**

**Dr Toni Abela**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid 9 ta' Lulju 2012 fejn, filwaqt illi ghamel referenza ghall-artikolu intitolat 'Manipulat: Jipposponu l-imparzjalita' ghal wara Gunju!' ppubblikat fil-gazzetta 'Kullhadd' tat 8 ta' April 2012, talab lill dina l-Qorti tiddikjara tali artikolu bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu u ghalhekk talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat, bhala editur tal-pubblikazzjoni, ihallus danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, partikolarment il-partijiet indikati mir-rikorrent, li kienu s-segwenti:

> *Kif jistghu jitwemmnu d-dirigenti tal-istazzjoni nazzjonali li, minn wara Gunju, se jibdew ikunu imparzjali meta ghandek imexxi t-Taqsima tal-Ahbarjiet partitarju daqstant akkanit ta' GonziPN bhalma hu Natalino Fenech, maghruf fic-crieki ta' gewwa bhala c'chief gate keeper tal-Gvern Nazzjonalista.*
>
> *Natalino Fenech huwa l-persuna b'responsabbilta' minghand GonziPN li hekk kif jintebah b'linja ta' kritika li tkun qed tizvluppa fuq xi qasam partikolari, jara kif jaghmel biex mill-ewwel igib ir-reazzjoni tan-naha tal-Gvern u jaghmel minn kollox biex il-kritika tkun imtaffija u, jekk jieta jkun, migjuba fix-xejn.*
>
> ....

*Tard wisq ghall-klikka ta' GonziPN biex tkun kredibbli fuq ix-xandir nazzjonali. Titqazzez tara bullettin wiehed tal-ahbarjiet, kulljum b'kantaliena ta' ministru wiehed wara liehor, izuru taparsi progettu, l-aqwa li jidhru fl-ahbarjiet li ma jkunu ahbarjiet xejn imma notice board tal-attivitajiet tal-ministri.*

*Tara kulljum ahbarjiet bi skop uniku li jwasslu l-agenda tal-Gvern, bhalma gara fl-ahhar jiem meta s-servizzi tas-sahha f'pajjizna kienu taht il-lenti tal-poplu Malti li, minkejja l-ftahir kollu, la huwa koqdi u lanqas qed jinghata s-servizzi li jixraqlu.*

*Fl-ahhar granet, l-ahbarjiet ta' TVM kellu rapport jew tnejn dwar is-sahha f'kull bullettin tal-ahbarjiet, sahansitra gabu lill-Ministru tas-Sahha juri medicini migbura ghar-rimi biex itabru kemm qed jonfqu flus fil-medicini.*

*Din il-propaganda ghaddejja kuljum.*

Ra ir-risposta ta' l-intimat ippresetati fl-24 ta' Settembru 2012 li sahaq, preliminarment, li r-rikors ma jindikax il-kapacita' li bih gie imharrek l-intimat, u ghalhekk ir-rikors kien null. Fuq il-meritu, l-intimat sahaq illi huwa ezercita' d-diligenza kollha mehtiega minn editur filwaqt illi insista li r-rapport ma huwa xejn aktar ghajr '*fair comment*' u kritika tal-operat ta' persuna li kien qieghed jokkupa kariga pubblika u importanti fix-xandir pubbliku permessibbli f'socjeta demokratika.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **Dr Natalino Fenech** moghtija fis 16 ta' Novembru 2012 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fis 16 ta' Novembru 2012 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet il-kontro ezami ta' Dr Natalino Fenech illi saret fit 22 ta' Novembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Toni Abela** moghtija fis 7 ta' Frar 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Kurt Farrugia** moghtija fl-20 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Chris Said** moghtija fil 15 ta' Gunju 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fil 15 ta' Ottubru 2015 l-intimat iddikjara illi ma kellhux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fl-14 ta' Dicembru 2015 ir-rikorrenti ippresenta sottomissjonijiet tieghu bil-miktub.

Rat illi fit 2 ta' Mejju 2016 l-intimat ippresenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub.

Rat illi fit 2 ta' Mejju 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fid-data tal-pubblikazzjoni tal-artikolu, ossija it 8 ta' April 2012, ir-rikorrent kien l-Editur u l-Kap tal-Kamra tal-Ahbarjiet ta' l-istazzjoni nazzjonali TVM.

Jirrizulta illi fil-gazzetta Kullhadd kien hemm pagna intitolata **TVManipulata**, liema kolonna kienet miktuba minn artikolist bl-isem ta' Silvio Gonzi.
Jirrizulta illi fit-8 ta' April 2012, l-artikolist kiteb artikolu intitolat '*Jipposponu l-imparzjalita' ghal wara Gunju*', liema artikolu kien jikkummenta dwar ahbar fejn il-Public Broadcasting Services, li jmexxu l-istazzjonijiet televisivi u tar-radio nazzjonali TVM, kienu ippubblikaw 'Linji Gwida dwar l-Obbligu tal-Imparzjalita' Dovuta' li kienu ser jihdlu in vigore f'Gunju ta' dik is-sena, dwar liema linji gwida l-artikolist hass illi kellu jaghmel il-kummenti tieghu dwar l-applikabilita' taghhom w il-kredibbilta' taghhom.

Jirrizulta illi fl-artikolu, l-artikolist jghid, fost affarjiet ohra, illi "*l-istazzjon nazzjonali ghadda minn process ta' 'tindif etniku' billi warrbu lil kull min kellu tendenzi Laburisti u mlew l-istazzjoni b'partitarji akkaniti tal-klikka ta' GonziPN*".

Jirrizulta illi sussegwentement, wara tali stqarrija, l-artikolist isemmi lir-rikorrenti, bhala il-persuna li tmexxi t-Taqsima tal-Ahbarjiet, u jiddeskrivieh bhala "*maghruf fic-crieki ta' gewwa bhala c-'chief gate keeper' tal-Gvern Nazzjonalista"* filwaqt illi jallega li r-rikorrent jiehu hsieb illi jixxandru ahbarjiet favur il-Gvern kull meta jkun hemm kritika fuq il-Gvern.

Jirrizulta illi l-artikolist imbghad ikompli jaghmel varji referenza ghall-persuni ohra li huma involtu fil-Bord Editorjali tal-PBS, bhal Joe Pirotta, u fil-programmi televizivi bhala Pierre Portelli, Joe Mifsud (illum Magistrat), Claudette Pace u Lou Bondi' u jistaqsi jekk il-Gvern ser ikomplix ghaddej b'din il-"*propaganda sfaccata kuljum*".

Jirrizulta illi l-artikolist imbghad jghaddi biex jikkummenta bi stmerrija l-fatt illi l-ahbarjiet tat-TVM kienu qishom 'notice board' tal-arttivitajiet tal-Gvern u tal-Ministri filwaqt illi jilmenta li fil-jiem qabel il-pubblikazzjoni tal-artikolu, kien hemm sensiela ta' rapporti dwar servizzi tas-Sahha tal-Gvern.

Jirrizulta, finalment, illi l-artikolist jallega li, mill-banda l-ohra, "*meta jkun hemm ahbar li tikkoncerna lill-Partit Laburista, taraha midfuna lejn l-ahhar parti tal-ahbarjiet, imbiccra qalb twegibiet bla sens minn ministeri differenti, laqwa li jkissru l-messagg li jkun irid iwassal il-Partit Laburista.*"

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrent Dr Natalino Fenech, illi huwa hassu malafamat in vista tal-fatt illi gie impingu bhala persuna akkanit tal-Partit Nazzjonalista u li, fil-kapacita' tieghu ta' editur tal-PBS, kien persuna parzjali favur il-Gvern tal-gurnata, fatt illi huwa jikkontesta u jichad bi-qawwa filwaqt illi jinsisti li kien malafamanti fil-konfront tieghu illi huwa jigi deskritt bhala 'Chief Gate Keeper tal-Gvern Nazzjonalista'.

Jirrizulta, minn dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent in sostenn ta' dak minnu indikat, partikolarment Domanda Parlamentari tal-Membru Parlamentari Laburista Gino Cauchi, PQ 37204, illi fuq periodu ta' tnax-il xahar minn Ottubru 2011 sa Settembru 2012, gew rappurtati 140 storja kull wiehed, ghall Prim Ministru w il-Kap tal-Opposizzjoni, filwaqt illi gew irrappurtati 275 storja li kienu jirrigwardaw il-Ministri tal-Gvern u 125 storja illi kienu jirrigwardaw kelliema tal-Opposizzjoni Laburista.

Jirrizulta wkoll, minn dokumentazzoni ulterjuri esebita mill-istess rikorrent, illi fix-xahar ta' Marzu 2012, li dwaru jilmenta l-artikolist fl-artikolu meritu tal-kawza oderna, il-Gvern tal-gurnata kien

hareg 286 Press Releases differenti filwaqt illi l-Kamra tal-Ahbarjiet tat-TVM, f'dak ix-xahar, kienu rrappurtaw 35 ahbar relatata mal-Gvern u 29 ahbar relatata mal-Opposizzjoni.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi fil-hamest ijiem bejn it-23 ta' Marzu u it-28 ta' Marzu 2012, l-Kamra tal-Ahbarjiet tat-TVM irrappurtat ghaxar rapporti relatati mal-qasam tas-Sahha, li kienet anke tinkludi diskor tal-Kap tal-Opposizzjoni, Dr Joseph Muscat, kwistjonijiet bejn l-MUMN u il-MAM kif ukoll stejjer dwar operazzjonijiet varji fl-Isptar Mater Dei.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimat, da parte tieghu, allega illi l-Partit Laburista kien regolarment jipprotesta dwar il-mod kif kien qieghed jigi rappurtat in-news fuq il-PBS u sahaq ukoll illi kien hemm diversi okkazzjonijet fejn saru rapporti lill-Awtorita tax-Xandir, fejn l-istess Awtorita anke sabet lit-TVM hatja ta' rappurtagg zbilancjat, madanakollu, l-intimat qatt ma pproduca ebda dokumentazzjoni mill-Awtorita' tax-Xandir sabiex jikkorrobora tali fatti.

Jirrizulta wkoll illi l-intimat sahaq illi l-kummenti tieghu kienu 'fair comment' u kritika dwar persuna li kienet tokkupa kariga pubblika u importanti bhalma hija dik tax-Xandir pubbliku tal-Istat.

Jirrizulta, ghalhekk, illi jkun opportun illi l-principji legali dwar tali difiza jigu kkunsidrati ftit aktar fid-dettall.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi l-intimat sahaq li l-intimat, bhala Kap tal-Kamra tal-Ahbarjiet ta' l-Istazzjoni tax-xandir pubbliki tal-Istat u, fuq tali argument, il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Voronezhe**, fejn intqal illi

> *..... civil servants acting in an official capacity are, similarly to politicians albeit not to the same extent, subject to wider limits of acceptable criticism than a private individual (see, mutatis mutandis, Janowski v. Poland [GC], no. 25716/94, § 33, ECHR 1999-I).*

Ghaldaqstant, huwa korrett l-intimat meta jikkontendi illi r-rikorrent kellu livell ta' kritika ferm oghla minn dik ta' cittadin komuni, anke in vista tal-kariga importanti illi kellu r-rikorrenti, liema kariga fissret illi l-livell ta' kritika ta' l-azzjonijiet tar-rikorrent setghet tkun oghla minn dik ta’ individwu privat, izda certament ma tistax tkun gholja daqs dik ta’ persuna politika illi huwa suggett ghall-livell ta’ kritika ferm oghla.

Dwar id-diligenza rikjesta minn editur, indikat mill-intimat fid-difiza tieghu, il-Qorti tosserva illi huwa accettat li l-gurnalisti ghandhom obbligu illi jzommu lill-pubbliku infurmat b’dak kollu illi qieghed jigri u li jista jkun ta’ interess pubbliku, u huwa fatt illi l-gurnalisti huma issa maghrufa bhala il ‘public watchdog’ tal-poltici u persuni pubblici biex jigi assikurat illi l-operat ta’ dawn il-persuni jkun fl-ahjar interess tal-pajjiz u tal-pubbliku in generali.

Jirrizulta, illi madanakollu, illi flimkien mad-drittijiet tal-gurnalisti, hemm l-obbligi, illi huma necessarji sabiex jassikuraw bilanc ekwu fir-rappurtagg, u di fatti, kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Axel Springer**

> *....freedom of expression carries with it “duties and responsibilities”, which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. These duties and*

*responsibilities are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi d-difiza principali ta' l-intimat kienet li l-kummenti illi saru kienu '*fair comment*' fuq fatti sostanzjalment veri illi kienu ta' interess pubbliku u ghalhekk ma setghux jitqiesu bhala malafamanti.

Ikun utili, ghalhekk, illi wiehed ezamina fil-qasir l-principji tad-difiza tal-'*fair comment*' bil-ghan illi wiehed ikun jista jikkunsidra l-fatti kif fuq stabbiliti fl-ottika tal-principji generali tad-difiza tal-'*fair comment*'.

Dwar tali difiza **Gatley on Libel and Slander** jghid:

*To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, tali principji gew minnha mhaddna u spjegati kif gej :

*... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke riflessa fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

*... defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated*

*by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

Finalment, dwar il-kuncett ta' '*value judgment*', il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kawza **Jerusalem vs Austria** (2003) EHRR 567,para 43, tghid is-segwenti:

*... even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it ."*

Jirrizulta car, ghalhekk, mill-gurisprudenza fuq imressqa, illi hemm sabiex id-difiza ta' '*fair comment*' u '*value judgment*' tirnexxi, irid jigi ppruvat illi dak allegat huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mix-xhieda ta' l-intimat, illi kemm l-intimat kif ukoll l-artikolist, kienu jikkontendu illi r-rikorrent kien parti mill-magna ta' informazzjoni tal-Gvern tal-gurnata, immexxija mill-Partit Nazzjonalista, fejn, kif iddeskrivieh l-artikolist, r-rikorrent kien il-'*Chief Gate Keeper*' tal-Partit Nazzjonalista.

Jirrizulta, ghalhekk, illi kien jispetta lill-intimat jipprova illi tali allegazzjoni kienet issostanzjata b'fatti, u il-Qorti kienet tippretendi illi l-intimat jipproduci xhieda, fosthom ir-rappresentanti tal-Awtorita' tax-Xandir, sabiex jixhdu u jesebixxu rapporti varji illi saru fil-konfront tar-rikorrent u decizjonijiet mehudha kontra r-rikorrent, bhala Kap tal-Ahbarjiet tat-TVM, illi kienu jikkonfortaw l-allegazzjonijet taghhom fil-konfront tar-rikorrenti.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-intimat ma ressaq ebda xhieda minn dana it-tip u ma ressaq ebda tip ta' prova illi juri li f'xi mument ir-rikorrent kien imcanfar u/jew misjub hati ta' rapportagg partiggjan u zbilancjat favur il-Gvern tal-gurnata.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi r-rikorrent ippresenta provi sufficjenti biex juru illi, *prima facie*, kien jidher illi hemm bilanc fin-numru ta' rapporti li jirrigwardaw il-Gvern u l-Opposizzjoni, fatt illi irrizulta minn Domanda Parlamentari.

Jirrizulta, ghalhekk, illi l-allegazzjonijiet maghmulha mill-intimat fi-konfront tar-rikorrent ma jirrizultaw sostanzjalment korretti u ghalhekk, la darba tali fatti ma jistghux jitqiesu bhala korretti, id-difiza tal-'*fair comment*' adoperata mill-intimat ma ghandhiex bazi u l-allegazzjonijiet maghmulha fil-konfront tar-rikorrenti ghandhom jitqiesu bhala malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** it-talbiet attrici, u ghalhekk

**Tiddikjara** l-artikolu intitolat "***TVManipulat. Jipposponu l-imparzjalita' ghal wara Gunju!***" ippubblikat fil-harga tal-Kullhadd tat-8 ta' April 2012 bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat, bhala Editur tal-gazzetta Kullhadd fid-data tal-pubblikazzjoni, sabiex ihallas lir-rikorrent is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) in linea ta' danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv ikunu a karigu ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur